# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

JANNAR 1937] IS-SITT SENA [Għadd 71

## IL-MALTI U L-EŻAMIJIET

*Leħen il-Malti*, sa minn l-ewwel darba li deher, qal bla tlaqliq li hu nħoloq biex imexxi Lsienna l-quddiem. Fi żmien it-twegħir iġġieled u rebaħ, issa fi żmien il-paċi baqagħlu dmir ieħor x'jilħaq: id-dmir illi bil-fehmiet tiegħu, idawwal it-trieq li minnha għandu jgħaddi l-Malti ħalli kull ma jmur jibqa' jintrefa' għall-kobor ta' Lsien Nazzjonali. F'dan ix-xogħol aħna nagħtu l-għajnuna tagħna lis-surmastrijiet tal-Malti, l-aktar lil dawk ta' l-iskejjel għolja, li issa huma l-aktar responsabbli għat-tagħlim ta' lsienna. U din l-għajnuna nagħtuhielhom mill-lum, bil-fehma tagħna dwar l-aħħar eżamijiet li saru.

Il-karti ta' l-Eżamijiet tal-Malti tal-Liċeo rajniehom flejniehom. Mistoqsijiet sbieħ u maħsuba, imma kollox ortografija. Għaliex? Jewwilla fis-*Syllabus* tal-Malti l-ktieb tal-qari daħal bħala żina biss, isem biex jimla?

Ngħiduh bla tlaqliq illi karti bħal dawk ma jagħmlu ġieħ u la lil Lsienna u l-anqas lis-surmastrijiet. Jewwilla dawn surmastrijiet ta' l-ortografija jew surmastrijiet tal-Malti?

Bħala surmastrijiet tal-Malti, għandhom igħallmu, mbarra l-ortografija, il-Malti bħala lsien miktub — il-kliem, is-sengħa kif tħaddmu, espressjonijiet u frażijiet idjoma-

tki, tagħrif ħafif dwar kittieba tal-Malti, tifsir ta' Versi, tgħarbil ta' l-aħjar proża, u tifsir ta' allużjonijiet (għajnuna sħiħa għal klassi tal-General Knowledge) u ħwejjeġ oħra, kif jagħmlu s-surmastrijiet tat-Taljan u ta' l-Ingliż. Fi kliem ieħor għandhom igħallmu wkoll is-sengħa tal-kitba, l-*ars dicendi.* Dat-taħriġ l-istudenti jsibuh ħafif mbilli jkun magħmul mis-surmastrijiet taż-żewġ ilsna l-oħra. Dan igħodd l-aktar għal dawk l-istudenti li issa ilhom jitgħallmu l-Ortografija aktar minn sena. Iż-żmien hu qasir. Nafu, u naħsbu li ftit taż-żieda fil-ħin tiswa ħafna. Imma qasir kemm hu qasir il-ħin, ma nistgħux nifhmu l-għala dawk is-surmastrijiet, li sabu ħin jaqraw xi bċejjeċ mill-Antoloġija mbagħad ma sabux ħin jagħmlu mistoqsija jew tnejn fuq il-bċejjeċ moqrija. Jekk mhux għal ħaġ'oħra għall-inqas biex it-tfal jieħdu l-antoloġija bis-serjetà. Inkella jindmu li nefqu skud fiha!

Jekk m'hemmx żmien biex il-Qari jsir fil-klassi, tajjeb, l-istudenti jaqraw l-antoloġija d-dar u jagħmlu mbagħad il-mistoqsijiet li jridu. Imma fl-eżami jidħol il-Qari la darba mdaħħal fis-Sillabu.

Fittixna l-karti tal-Malti tal-Girls' Secondary School. Sirna nafu li l-Malti mhux imgħallem hemm. Mill-ġenerazzjonijiet tal-lum ma għandna nħallu l-ebda waħda —kienu bniet u kienu subien—tħalli l-iskola mingħajr ma tkun studjat ilsienha. Ma ninsewx li ż-żmien qed jikteb l-istorja—L-Istorja l-Ġdida.

Għalhekk nixtiequ li dil-biċċa tissewwa wkoll.